**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 1122/2021**

***HSBC BANK MALTA P.L.C.***

***VS.***

***L-AVUKAT DR. ANTHONY CUTAJAR U L-PROKURATUR LEGALI DANIEL AQUILINA BĦALA KURATURI BIEX JIRRAPPREŻENTAW LILL-ASSENTI NEIL BERNARD VALENTINE***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar iż-żewġ talbiet ta' HSBC Bank Malta p.l.c.;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fis-**<u>16 ta' Novembru, 2021</u>**, il-bank rikorrenti fisser li b'kuntratt tat-2 ta' April, 2004, huwa sellef is-somma ta' Lm21,600, illum daqs €50,314.47, lil Neil Bernard Valentine. Il-bank rikorrenti jgħid li wara xi żmien jagħmel pagamenti regolari, il-konvenut waqaf iwettaq il-pagamenti li kienu ġew miftiehma fl-ittra sanzjonarja u għalhekk huwa tilef il-benefiċċju taż-żmien mogħti lilu skont il-kundizzjonijiet misjuba fl-istess ittra sanzjonarja u fil-kuntratt tat-2 ta' April, 2014. Jippreċiża illi l-konvenut għandu jħallas is-somma ta' €68,923.32 li hija

maqsuma hekk: (i) €39,162.83 bħala l-bilanċ mill-ammont misluf lilu; u (ii) €29,760.49 bħala mgħax li laħaq inġema' sas-27 ta' Jannar, 2021. Barra minn dan l-ammont, il-bank rikorrenti jgħid li jrid ukoll li jiġbor mingħandu l-imgħax legali ulterjuri mit-28 ta' Jannar, 2021 sad-data tal-ħlas kollu tad-dejn;

3. Minkejja li l-konvenut ġie mitlub iħallas dan id-dejn tiegħu, anke permezz ta' ittra uffiċjali datata 13 ta' Jannar, 2012, dan baqa' ma ħallasx. Minħabba f'hekk, il-bank rikorrenti fetaħ din il-kawża u talab lil din il-qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi l-konvenut Neil Bernard Valentine huwa debitur tal-bank attur fis-somma komplessiva ta' tmienja u sittin elf, disa' mija u tlieta u għoxrin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€68,923.32) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-28 ta' Jannar 2021 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. Tikkundanna lill-istess konvenut Neil Bernard Valentine iħallas lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' tmienja u sittin elf, disa' mija u tlieta u għoxrin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€68,923.32) bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mit-28 ta' Jannar 2021 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 13 ta' Jannar 2012 (ittra nru 112/12) u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.»*

4. Il-kuraturi deputati maħtura biex jirrappreżentaw lill-konvenut Neil Bernard Valentine wieġbu fil-**<u>21 ta' Frar, 2022</u>** u qalu hekk:

> *«1. Illi fl-ewwel lok, il-kuraturi deputati hawn esponenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kawża u qegħdin minn issa jitolbu lill-Bank rikorrenti sabiex jipprovdilhom kull informazzjoni li jista' għandu li tista' twassalhom sabiex jikkomunikaw mal-assenti minnhom rappreżentat;*
>
> *2. Illi fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost jidher li l-bank attur qed jitlob, inter alia, tliet oġġetti, ossia (i) is-somma bilanċjali mill-kapital oriġinarjament misluf fl-ammont ta' €39,162.83c; (ii) l-interessi fuq l-imsemmija somma*

*bilanċjali fl-ammont ta' €29,760.49c maħduma sas-27 ta' Jannar, 2021; u kif ukoll (iii) l-interessi ulterjuri bir-rata ta' 8% fis-sena fuq it-total ta' l-imsemmija żewġ ammonti (i.e. €68,923.32c dekorribbli mit-28 ta' Jannar, 2021 'il quddiem. Dan ifisser, allura, li qed jintalab imgħax fuq imgħax u għalhekk semmai l-imgħax b'effett mit-28 ta' Jannar 2021 jista' jintalab biss fuq is-somma bilanċjali mill-kapital oriġinarjament misluf fl-ammont ta' €39,162.83c;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għal dak s'issa eċċepit, il-bank attur jeħtieġlu jipprova l-pretiża tiegħu skont ir-regola stabbilta fl-Art. 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li teħtieġ li jressaq provi tajbin u idoneji skont l-Art. 558 u 559 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

5. Wara din it-tweġiba, il-kuraturi deputati ma ressqu l-ebda tweġiba oħra, iżda waqt is-seduta tas-**7 ta' Marzu, 2022** huma rtiraw l-ewwel eċċezzjoni tagħhom;

6. Inġabru l-provi kollha u wara li fis-seduta tal-**5 ta' Lulju, 2022**, il-qorti semgħet is-sottomissjonijiet bil-fomm tal-avukati tal-partijiet, din il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum;

***Fatti***

7. B'kuntratt tat-2 ta' April, 2004, Neil Bernard Valentine ssellef mingħand il-bank rikorrenti s-somma ta' Lm21,600, illum €50,314.47, sabiex jixtri l-ġid bin-numri 94 u 95 fl-Għarb, Għawdex. Skont dan il-kuntratt, is-self kien wieħed ta' sura fissa u kellu jintradd lura lill-bank rikorrenti skont programm ta' ħlasijiet maqbul bejn il-partijiet. Madankollu, il-bank rikorrenti żamm il-jedd tiegħu li l-ammont kollu misluf minnu jsir dovut lura lilu jekk kemm-il darba tiġri xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-għotja tas-self, u l-konvenut jibqa' ma jsewwix l-pożizzjoni tiegħu sa ħmistax-il jum wara li jirċievi sejħa f'dan is-sens mingħand il-bank permezz ta' ittra uffiċjali. Il-kundizzjonijiet imsemmija ġew mehmuża mal-kuntratt (ara paġna 14 u minn paġni 24 sa 27 tal-atti tal-kawża);

8. Skont il-kundizzjonijiet tal-għotja tas-self, il-konvenut kellu jaqta' s-self billi jwettaq pagamenti ta' Lm133, illum €309.81, kull xahar fuq perijodu ta' madwar għoxrin sena. Dan l-ammont kien jinkludi l-imgħax bir-rata ta' 3.75% fis-sena jiġifieri 0.75% fuq ir-rata bażi ta' 3%. Din ir-rata ta' mgħax kellha tiżdied għal 1.25% fuq ir-rata bażi ta' 3% wara li jgħaddu sentejn mill-kuntratt tat-2 ta' April, 2004 (ara paġna 24 tal-atti tal-kawża);

9. Ir-rata bażi tal-imgħax ġiet kemm-il darba mibdula mill-Bank Ċentrali ta' Malta u għalhekk ir-rata tal-imgħax li nħadmet mill-bank rikorrenti fuq l-ammont misluf sa mis-sena 2004, żdiedet u naqset skont din ir-rata bażi (ara l-ewwel kolonna tar-rendikont bankarju misjub f'paġni 30 sa 33 tal-atti tal-kawża u x-xiehda ta' Mariella Caruana f'paġni 66 sa 68 tal-atti tal-kawża);

10. B'ittra uffiċjali datata 13 ta' Jannar, 2012 (ara paġna 34 tal-atti tal-kawża), il-bank rikorrenti għarraf lill-konvenut li huwa kien waqa' lura fil-ħlas tal-pagamenti skont il-kuntratt u għalhekk widdbu biex isewwi l-pożizzjoni tiegħu;

11. Mir-rendikont bankarju li ġie mehmuż mar-rikors maħluf (ara paġni 30 sa 33 tal-atti), jirriżulta li l-konvenut kien regolari fil-ħlasijiet ta' kull xahar bejn April tas-sena 2004 u Ottubru tas-sena 2010. L-aħħar pagament li sar minnu kien fis-26 ta' Ottubru, 2010 u minn hemmhekk 'il quddiem huwa waqaf għalkollox milli jwettaq ħlasijiet;

***Konsiderazzjonijiet***

12. Il-kawża li għandha quddiemha din il-qorti hija maħsuba biex il-konvenut jiġi ddikjarat u kkundannat li għandu jrodd lura s-somma ta' €68,923.32, jiġifieri l-ammont kollu ta' €39,162.83, li baqagħlu jħallas mis-self mogħti lilu b'kuntratt tat-2 ta' April, 2004 flimkien mal-imgħax ta' €29,760.49, li laħaq inġema' fuq dan l-ammont sas-27 ta' Jannar, 2021, u dan għaliex huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-għotja tas-self. Minbarra dan, il-bank rikorrenti qiegħed jitlob ukoll l-imgħax legali ulterjuri li huwa dovut lilu fuq it-total ta' €68,923.32 mis-27 ta' Jannar, 2021 sa meta jitwettaq il-ħlas kollu;

13. Għalhekk il-qorti jeħtiġilha tistħarreġ jekk il-bank rikorrenti rnexxilux juri li hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex huwa jiġbor mingħand il-konvenut is-somma kollha li huwa qiegħed jgħid li hija dovuta lilu, inkluż jekk seħħewx iċ-ċirkostanzi li kellhom iwasslu biex il-konvenut jitlef il-benefiċċju taż-żmien biex iħallas lura s-self mogħti lilu mill-bank;

14. Il-qorti tqis li hekk kif joħroġ mill-**artikolu 1842 tal-Kodiċi Ċivili**, is-self huwa kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna lill-oħra xi kwantità ta' ħwejjeġ li jintemmu bl-użu, bl-obbligu ta' min jissellef, li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor tal-istess xorta u kwalità (ara ***Paul Cremona et v. Dr. Antoine Gambin et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Frar, 2001);

15. Meta bħal f'dan il-każ, l-oġġett misluf ikun dak ta' flus, l-**artikolu 1844 tal-Kodiċi Ċivili** jgħid li l-persuna li tirċievi l-flus missellfa għandha trodd lura l-istess ammont ta' flus li tkun irċeviet skont il-valur legali tagħhom fiż-żmien tal-ħlas (ara ***Karmenu Mifsud v. Mariano D'Amato*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2006). Il-liġi tgħid ukoll fl-**artikolu 1850(1) tal-Kodiċi Ċivili**, li l-partijiet f'kuntratt ta' self jistgħu jaqblu li għandhom jitħallsu l-imgħaxijiet fuq l-ammont misluf;

16. Kif ingħad f'għadd ġmielu ta' sentenzi marbuta ma' radd lura ta' flus mogħtija permezz ta' faċilitajiet bankarji, il-partijiet jistgħu jaqblu bejniethom li bit-tħaddim tal-**artikolu 1070(1) tal-Kodiċi Ċivili**, l-obbligazzjoni tar-radd lura tal-flus mislufa tiġi mwettqa billi jingħata żmien fiss. Dan iż-żmien mogħti ma jissospendix l-obbligazzjoni, imma skont l-**artikolu 1071 tal-Kodiċi Ċivili** jdewwem biss l-eżekuzzjoni tagħha, u sakemm ikun għaddej dak iż-żmien il-ħaġa li jmissha tingħata skont l-**artikolu 1072 tal-Kodiċi Ċivili** ma tistax tintalab qabel jagħlaq dak iż-żmien. Dan il-kunċett, li huwa magħruf bħala l-benefiċċju taż-żmien, huwa skont l-**artikolu 1073 tal-Kodiċi Ċivili** mogħti favur id-debitur tal-istess obbligazzjoni (ara *inter alia* ***Bank of Valletta plc v. Ċefai Estates Limited et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Marzu, 2018, ***Banif Bank (Malta) plc v. Nutar Anthony Cachia*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju, 2016 u ***Bank of***

***Valletta plc v. Angela Mizzi et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ġunju, 2007);

17. Il-benefiċċju taż-żmien jista' jingħata suġġett għall-kundizzjonijiet li, hekk kif tiġri mqar waħda minnhom, dan iġib it-telfien tiegħu. Il-liġi taħseb ukoll f**l-artikolu 1079 tal-Kodiċi Ċivili** għat-telfien tal-benefiċċju taż-żmien: (i) meta d-debitur ma jkollux flus biex iħallas djunu; (ii) jekk il-kundizzjoni tiegħu tinbidel b'tali mod li jqiegħed fil-periklu l-ħlas tal-kreditu; (iii) jekk b'għemilu jkun naqqas il-garanzija illi skont il-kuntratt kien ta lill-kreditur; jew (iv) jekk ma jkunx tah il-garanzija li kien wiegħdu (ara ***Giuseppe Teuma v. Paolo Ceravola*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 1874, ***Michele Grech v. Maria Scicluna et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Jannar, 1904 u ***Giuseppe Grech v. Tommaso Xuereb et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Mejju, 1930);

18. Il-bdil fil-qagħda tad-debitur li jwassal għall-periklu li l-kreditu ma jitħallasx irid ikun aktar minn sempliċi frott ta' dubju, suspett jew tħassib dwar is-solvibilità tad-debitur (ara ***Tommaso Azzopardi v. Paolo Micallef*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Frar, 1936 u ***J Grima & Sons Ltd. v. Anton Aġius*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar, 2004). Biex wieħed jagħti eżempju, fis-sentenza ***Felix Borġ v. Paul Vella Muscat*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Marzu, 1967, instab li l-fatt li d-debitur tilef l-impjieg tiegħu kellu jitqies bħala raġuni serja biżżejjed li tipperikola l-ħlas lura tad-dejn;

19. Ingħad ukoll li l-fatt waħdu li l-midjun jonqos li jħallas f'waqthom l-iskadenzi ta' ħlas, b'rati li jkunu miftiehma mal-kreditur biex jaqta' d-dejn tiegħu, ma jwassalx b'daqshekk għat-telfien tal-benefiċċju taż-żmien maħsub fil-liġi, sakemm ċirkostanza bħal dik ma tkunx iddaħħlet espressament fil-ftehim meta jkun ingħata ż-żmien għall-ħlas lid-debitur (ara ***John Rose v. Thomas Wiliam Capel*** deċiża mill-Qorti Kummerċjali fil-11 ta' Marzu, 1865, ***Giuseppe Vassallo v. Carmelo Calleja et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' April, 1913, ***Felix Borġ v. Paul Vella Muscat*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Marzu, 1957 u

***Karmena Callus et v. Dione Cassar et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar, 2021);

20. It-telfien tal-benefiċċju taż-żmien għandu jiġi meqjus b'ċertu reqqa u djuq għaliex dan huwa dritt tad-debitur. Kemm hu hekk, kien hemm sentenzi tal-qrati li ċaħdu talbiet ta' kredituri biex id-debituri tagħhom jitilfu l-benefiċċju taż-żmien għaliex il-ġrajja indikata minnhom bħala li kellha twassal għat-telf ta' dan il-benefiċċju, la kienet waħda minn dawk imsemmija fl-**artikolu 1079 tal-Kodiċi Ċivili** u lanqas ma kienet waħda msemmija espressament fil-kuntratt. Hekk pereżempju fis-sentenzi ***Michele Vella v. Pietro Grech*** tat-28 ta' Frar, 1871 u ***Rev. Camilleri et v. Dr. Fenech et*** tat-28 ta' Ottubru, 1895, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet li għalkemm id-debituri ma ħallsux l-imgħaxijiet flimkien mal-pagamenti rateali, dan ma kellux iwassal għat-telfien tal-benefiċċju taż-żmien għaliex skont il-kuntratt dan il-benefiċċju kellu jintilef jekk ma jitħallsux il-pagamenti rateali u ma kienx jgħid speċifikament li dan kellu jintilef ukoll jekk ma tħallasx l-imgħax;

21. Imħaddem dan kollu għall-każ li għandna quddiemna, ma hemmx kwistjoni li bejn il-bank rikorrenti u l-konvenut kien hemm kuntratt ta' self datat 2 ta' April, 2004. F'dan il-kuntratt il-partijiet qablu li l-konvenut ma kellux irodd lura l-flus mislufa lilu f'daqqa imma kellu jroddhom lura bin-nifs, billi jwettaq pagamenti ta' Lm133, illum €309.81, kull xahar fuq perijodu ta' madwar għoxrin sena;

22. L-istess partijiet qablu wkoll li l-bank kellu l-jedd li jiġbor il-bilanċ li jkun fadal jekk kemm-il darba tiġri xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-għotja tas-self, u l-konvenut jibqa' ma jsewwix l-pożizzjoni tiegħu sa ħmistax-il jum wara li jirċievi sejħa f'dan is-sens mingħand il-bank permezz ta' ittra uffiċjali. Waħda minn dawn il-kundizzjonijiet kienet:

> *«any failure by the Customer and/or Surety to pay any sum due whether of principal, interest, fees or charges, due by the Customer and/or Surety under the deed of loan and/or sanction letter and in the manner stipulated in the deed of loan and/or sanction letter»*

23. Sewwasew f'dan il-każ, kif ħareġ mir-rendikont bankarju li ġie mehmuż mar-rikors maħluf u mix-xiehda tal-avukata Claudia Muscat, rappreżentanta tal-bank rikorrenti, il-konvenut naqas milli jimxi ma' din il-kundizzjoni li jħallas l-ammonti li kienu dovuti minnu kull xahar. Biżżejjed jingħad li l-aħħar pagament regolari imwettaq mill-konvenut sar lura fis-26 ta' Ottubru, 2010, jiġifieri ftit inqas minn tnax-il sena ilu. Minn dakinhar 'il hawn, il-konvenut ma reġa' wettaq l-ebda pagamenti rateali;

24. Il-kuraturi deputati li qegħdin jirrappreżentaw lill-konvenut f'din il-kawża ma ressqu l-ebda prova jew sottomissjoni biex imeru dak li qed jgħid il-bank rikorrenti fir-rendikont tiegħu. F'dak li jirrigwarda r-rati tal-imgħax li ġew maħduma tul is-snin fuq il-kapital misluf, huwa minnu li r-rati tal-imgħax imsemmija fir-rendikont bankarju mhumiex preċiżament dawk imniżżla fil-kundizzjonijiet tal-għotja tas-self. Madankollu, matul l-istadju tal-provi ġie spjegat li din id-diskrepanza fil-persentaġġ tal-imgħax irriżultat minħabba tibdil fir-rata bażi tal-imgħax maħruġa mill-Bank Ċentrali ta' Malta. Fuq kollox, il-qorti m'għandha l-ebda raġuni quddiemha biex ma temminx dak li qalu r-rappreżentanti tal-bank rikorrenti, jiġifieri l-avukata Claudia Muscat u Mariella Caruana, bil-ġurament tagħhom;

25. Mill-provi jirriżulta wkoll li fit-13 ta' Jannar, 2012, il-bank rikorrenti bagħat ittra uffiċjali lill-konvenut fejn fiha dan tal-aħħar ġie mgħarraf li huwa kien naqas milli jwettaq numru ta' pagamenti skont il-kundizzjonijiet tal-għotja tas-self, u b'konsegwenza t'hekk, kellu numru ta' arretrati. Għalhekk, huwa ntalab isewwi l-pożizzjoni tiegħu. Din l-ittra ġiet notifikata lilu fid-29 ta' Frar, 2012 permezz tal-kuratur deputat maħtur f'ismu, l-avukat Anthony Cutajar;

26. Minkejja dan, il-konvenut baqa' ma wettaq l-ebda pagament ieħor u lanqas ħallas l-arretrati li kienu nġemgħu sa dakinhar. Għalhekk din il-qorti qiegħda tasal għall-fehma li dan in-nuqqas tal-konvenut li jsewwi l-pożizzjoni tiegħu wara li ġie notifikat bl-ittra uffiċjali, għandu jitqies bħala ġrajja li skont it-termini tal-kuntratt tas-self kellha twassal biex il-konvenut ma jibqax igawdi aktar mill-benefiċċju taż-żmien;

27. Imiss issa li jiġi mistħarreġ jekk is-somma ta' €68,923.32 li l-bank rikorrenti qiegħed jitlob li tiġi mħallsa mill-konvenut hijiex waħda xierqa;

28. Il-qorti qieset ir-rendikont li ġie mehmuż mar-rikors maħluf, qieset ix-xiehda tal-avukata Claudia Muscat li tenniet bil-ġurament tagħha quddiem il-qorti li depożiti min-naħa tal-konvenut baqgħu ma sarux u qieset ukoll li r-rendikont msemmi bl-ebda mod ma ġie kkontestat mill-kuraturi deputati li qegħdin jidhru għall-konvenut;

29. Minn dak li setgħet tifhem il-qorti minn eżami tar-rendikont jidher li l-ammont sħiħ ta' €68,923.32 huwa maqsum hekk: i) €39,162.83 bħala bilanċ mill-ammont misluf lilu; u (ii) €29,760.49 bħala mgħax li laħaq inġema' sas-27 ta' Jannar, 2021, inkluż l-imgħax maħdum bir-rata ta' 8% mid-29 ta' Frar, 2012 fuq il-kapital li baqa' ma ġiex imħallas lura mill-konvenut. Il-qorti tqis li l-bank rikorrenti kien siewi meta ħadem l-imgħax bir-rata ta' 8% fuq il-bilanċ rimanenti mid-29 ta' Frar, 2012 għaliex kien dakinhar li l-konvenut ma baqax igawdi aktar mill-benefiċċju taż-żmien. Għalhekk, dan l-ammont jidher li huwa mistħoqq;

30. Jifdal biss li tiġi meqjusa t-talba tal-bank rikorrenti biex huwa jitħallas l-imgħax ulterjuri bir-rata ta' 8% fuq is-somma ta' €68,923.22 mit-28 ta' Jannar, 2021 skont l-**artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Min-naħa tagħhom, il-kuraturi deputati jisħqu li jekk din it-talba tal-bank rikorrenti tiġi milqugħa, il-bank sejjer jispiċċa jitħallas l-imgħax fuq l-imgħax għaliex is-somma ta' €68,923.22 diġà tiġbor fiha l-imgħax bit-8% mid-29 ta' Frar, 2012;

31. Dan l-**artikolu 1142** jgħid li l-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra, sew bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba ġudizzjarja għaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jagħlqu, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena;

32. Fl-**artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, ma jidhrix li l-liġi tagħraf bejn imgħax imnissel minn obbligazzjoni ta' natura kummerċjali minn imgħax imnissel

minn obbligazzjoni ċivili (ara ***John Muscat et v. Maġġur Louis Radmilli et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 3 ta' Ottubru, 2002);

33. Biex tali mgħax fuq l-imgħax ikun dovut, kulma jrid jintwera huwa li: (i) tkun saret talba b'att ġudizzjarju, sakemm ma jkunx jeżisti ftehim minn qabel li jipprovdi dwar imgħax bħal dan, u (ii) l-imgħax li dwaru jintalab l-imgħax irid ikun ilu dovut minn tal-anqas għal żmien sena (ara ***Cecil Paċe et v. Emanuel A. Bonello C.P.A.A. et***, Qorti tal-Appell, 28 ta' Marzu, 2014);

34. Ingħad ukoll illi f'każ fejn somma dovuta tiġi kanonizzata b'sentenza, l-imgħax minn dik is-somma huwa mgħax sempliċi, u jista' jiġi kapitalizzat biss bil-mod imfisser fil-Kodiċi (ara ***Cecil Busuttil noe vs Alfred Spiteri Debarro***, Qorti tal-Kummerċ, 15 ta' Jannar, 1979*)*;

35. Imħaddma dawn il-prinċipji għall-każ tagħna, il-qorti ssib li t-talba tal-bank rikorrenti tidher li hija mistħoqqa. Dan qiegħed jingħad għaliex l-imgħax li dwaru qiegħed jintalab l-imgħax ilu dovut mit-28 ta' Jannar, 2021, u għalhekk fil-ġurnata tal-lum, dan ilu dovut aktar minn sena. Barra minn hekk, il-bank rikorrenti talab dan il-ħlas tal-imgħax b'att ġudizzjarju għaliex din it-talba saret fir-rikors maħluf li dwaru qiegħda tingħata s-sentenza llum. Għaldaqstant, iż-żewġ elementi meħtieġa biex jiġi fis-seħħ l-**artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** jinsabu mwettqin. Jiġi b'hekk, li l-eċċezzjoni mressqa mill-kuraturi deputati mhijiex waħda tajba u b'konsegwenza ta' dan, din qiegħda tiġi miċħuda;

36. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, it-talbiet tal-bank rikorrenti qegħdin jiġu milqugħa, filwaqt li qegħdin jiġu miċħuda l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-kuraturi deputati;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tiċħad</u>** l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-kuraturi deputati f'isem il-konvenut Neil Bernard Valentine għaliex dawn instabu li mhumiex tajbin;

ii. **<u>Tilqa'</u>** l-ewwel talba tal-bank rikorrenti u tiddikjara li l-konvenut Neil Bernard Valentine huwa debitur tal-bank rikorrenti fis-somma ta' €68,923.32, flimkien mal-imgħax ulterjuri bir-rata ta' 8% fuq din is-somma, skont l-**artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, sad-data tal-ħlas effettiv; u

iii. **<u>Tilqa'</u>** t-tieni talba tal-bank rikorrenti u b'hekk tikkundanna lill-konvenut Neil Bernard Valentine biex iħallas lill-bank rikorrenti s-somma ta' €68,923.32, bl-imgħax ulterjuri bir-rata ta' 8% fuq din is-somma, skont l-**artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, sad-data tal-ħlas effettiv;

Fl-aħħar nett, **<u>tordna</u>** wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri, jitħallsu kollha kemm huma minn Neil Bernard Valentine, magħduda magħhom l-ispejjeż marbuta mal-ittra uffiċjali tat-13 ta' Jannar, 2012 u mal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi li ġie ppreżentat flimkien ma' din il-kawża.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**